## SEJHA T'ALLA

*Lill-ħabib Annibale Preca.*

Ta' G. Muscat-Azzopardi

*"Nar ġejt imkebbes fl-art: u rrid imħabba*

bejn dawk li jien inħobb u jħobbu lili,
għax fi qlub ħbiebi ma għandux jitrabba
ħjiel ta' mibegħda, biex imrar jisqili.

U jekk il-għadu jirnexxilu jtabba'
dawk li f'għamilhom ma jtuqux f'għamili,
b'kotra ta' dawl lilhom mis-Sema nxabba',
li, f'qasir żmien, ruħhom mill-ġdid jifdili...

Mulejja, ridtni ngħaddi minn dad-delu
biex isaffiha fin-nirien ta' mħabbtek?—
Mulejja l-madmad tiegħek kemm hu ħelu!

Iva, ġeddidni; midd għalija driegħek:
u f'mewti tifkarx kemm drabi slabtek:
li hlaqtni ftakar biex nitħenna miegħek.

Fit-30 ta' Diċembru, 1899

---

## NGĦINUHOM

Ngħinu lil dawk li għal-libertà ta' art twelidhom xerrdu demmhom, tilfu lil nieshom, ħwejjiġhom, djarhom. L-għajta u l-biki tagħhom kexkxu lill-ġnus kollha ċivilizzati tad-dinja.

Il-problema biex tifdi dawn in-nies minn taħt il-madmad u l-kefrija tal-Komuniżmu qiegħda f'idejn in-Nazzjonijiet tal-Punent li m'għandhom qatt iħalluhom jaħsbu li huma batew għalxejn.



PAĠNA AWTOBIJOGRAFIKA

# L-AĦĦAR KELMA

Ta' P. P. Saydon

(*Jorbot ma' Marzu* 1954, *faċċ.* 6).

MELA f'Ottubru tas-sena 1931 sirt Professur. L-Ewwel snin għaddew bla tfixkil kbar. Mixgħul b'ħeġġa kbira għat-tagħlim, imwettaq b'fehma safja u rieda qawwija li naħdem għaż-żgħażagħ biss, intfajt għax-xogħol b'ħerqa żagħżugħa li ma tafx qjies. Mill-ewwel irbaħt qalb l-istudenti li nġibdu lejja u bdew iżommuni bħala ħabib li jridilhom il-ġid, mhux bħala Professur imqit u kburi li jbiegħed l-istudenti minnu u jġegħil-hom jistmellu t-tagħlim. Is-segriet kien dan: Ħabbejt it-tagħ-lim u ħabbejt l-istudenti. L-istudju għalija qatt ma kien tarġa biex noghla aktar u anqas xogħol ta' qligħ il-flus, imma l-mis-sjoni ta' ħajti; ma kienx ħaġa ta' l-imgħoddi, imma biċċa minn ruħi, ħajti kollha. Ma kienx biżżejjed dak li tgħallimt; ridt dej-jem nitgħallem aktar, ridt nimxi dejjem mal-mixja ta' l-għerf, u l-ħerqa li kelli kebbset ħrara kbira f'qalb l-istudenti li saru jħobbu lili u t-tagħlim.

Imma t-taħbit ma damx ma nqala'. Sewwa sew f'Settem-bru 1931, xaħar qabel ma lħaqt Professur, sar taqlib kbir fit-tagħlim tat-Teoloġija meħtieġ għall-Lawrja. Sa dak iż-żmien fl-Università ta' Malta u f'xi Universitajiet ta' barra, sabiex wieħed jieħu l-lawrja ta' duttur kien biżżejjed li jgħaddi mill-eżamijiet. Jiġifieri, il-lawrja, li hi l-ogħla unur li tista' tagħti Università, kienet tiswa daqs ċertifikat li wieħed għadda mill-eżamijiet. Il-lawrja ma baqgħetx tfisser dak li kienet tfisser da-ri: kuruna ta' rand f'ras ta' bniedem magħruf għal għerfu. Il-Papa Piju XI, li kulħadd jaf kemm kien iħobb u jgħożż it-tagħ-lim, ried igolli l-lawrja tat-Teoloġija għal li kienet qabel u kif kienet għadha f'ħafna Universitajiet kbar u fisser il-fehma tie-għu f'Ittra li tibda bil-kelmiet li bihom hi magħrufa: "Deus scientiarum Dominus" maħruġa f'Settembru 1931 u bir-regola-menti mogħtijin ftit wara mill-Kongregazzjoni tas-Seminarji u ta' l-Universitajiet. Il-prinċipju ta' dawn ir-regolamenti huwa dan: Il-lawrja mhix ċertifikat li wieħed għadda mill-eżamijiet,